KUNSILL LOKALI
QALA

MINUTI LAQGHA NUMRU 38
TAL-KUNSILL LOKALI QALA

Il-Gimgha, 12 ta' Gunju, 2026.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum IL -**Gimgha, 12 ta' Gunju**, 2026, fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Meilak – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):
Noel Mizzi – Vici Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Jevon Attard - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

38.1 Talba
38.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;
38.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti
38.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti
38.5 Komunikazzjoni mis-Sindku
38.6 Attivita – COMMUNITY EVENT – 28ta Gunju 2026
38.7 Kwotazzjoni ghal Ghamara ġdida
38.8 Kwotazzjoni tal Bibien
38.9 Approvazzjoni tal Bord ta l evalwazzjoni ghat Tender tal projett tas-Salib
38.10 Spjegazzjoni fuq il Fondi, kwotazzonijiet, u invoices tac Chocolate Festival
38.11 Amministrazzjoni tal-pagna tal-Kunsill ta' facebook.
38.12 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti
38.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera
38.14 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippreseda l-laqgħa li bdiet fl-4.50 ta' filghaxija

38.1 Talba;

38.1.1 Talba fil-bidu tal-laqgħa.

38.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

38.2.1 Inqrat l-ittra ta Apologija li ircivejna minghand il Vici Sindku. (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

38.10 Spjegazzjoni fuq il Fondi, kwotazzonijiet, u invoices tac Chocolate Festival

38.10.1 Hawn hekk is- Segretarju Exekuttiv talab li dawk preżenti billi is Sur Mario Camilleri kien prezenti maghna, sabiex tinqabes l item fl aġenda ghal 38.10, biex jaghtini spegazzjoni dwar il kwotazzjonijiet li kien hemm fil Qala Chocolate Festival. Kien hemm qbil min dawk preżenti.

38.10.2 Is SE beda billi qal li il fondi li rcivejna fuq ic Chocolate festival kienu ta €15,000 mill MGP, €5,000 bhala sponsor miġjub mill istess Mario Camilleri mill Arts Council u €2,500 mill MTA.

38.10.3 is SE ippreaenta il file li kien fih il kwotazzjonijiet kollha li ircivejna ghal dan l event u qal li l unika wahda li ma kienx hemm kwotazzjoni kienet dik tal World Cup trophy li hi ikkunsidrata bhala artistic display u ghalhekk ma kienx hemm bżonn ta kwotazzjonijiet. L unika haġa li riedet issir qabel kienet l approvazzjoni tad Direttur DLG billi l ammont kien jaqbeż il €5,000. Is SE spjega li billi din kienet l ewwel darba li grat kemm kien ilu fil pożizzjoni ta SE, ma ressaqx din it talba qabel ghal approvazzjoni. Hu zied li intbghatet talba lid Direttur tal- Procurement fi hdan id DLG, ghal approvazzjoni sabiex dan il pagament ikun jista jghaddi.

38.10.3 Fil 4.53 i l Kunsillier Valerie Cassar Meilak dahlet ghal laqgha.

38.10.4 IS SE beda jghaddi il kwotazzjonijiet lil membri preżenti sabiex jarawhom. Saret talba mill kunsillier Karl Butigieg li mportanti il il komunità tal Qala tgawdi il preżenza tal- Tazza tad Dinja li saret mic ċikkulata mill artist Teziano. Bhalissa qeda ghad Tizziano biex tinżamm b kundizzjoni tajba. Gie deċiż li ghanda tingab biex titgawda waqt xi okkazzjoni li ghanda x taqsam mal avveniment tat- tazza tad dinja li ser ser issir minn NGO.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

38.10.5 Is SE ressaq ir rendikont ta dan l avveniment. Mario spjega li kienet suċċess u li in nies ipparteċipaw tajjeb, hu saqsa jekk dan il Festival hux ser jirrepeti is sena d diehla L kunsillier Valerie u Karl qalu li importanti jekk jerga jsir, il kwotazzjonijiet jiġu waqt laqgha tal kunsill.

38.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti

38.3.1 Il-minuti ta' l ahhar laqgħat numru 35, 36 u 37 ġew iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ġew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

Dawn kienu:

35.9.22 Il kunsillier Karl semma il haxix li hemm tal Bust ta ~~Isqof Mikiel~~ Buttigieg sabiex ~~jitnehha.~~

Trid tinqara

35.9.22 Il kunsillier Karl semma il haxix li hemm tal Bust tal **president Anton** Buttigieg sabiex jiġi **trimjat.**

35.10.2 ..... Il kunsilliera Valerie qalet li l karavans qed jokkupaw il parkings biex bis sindku jghid li fejn qeghdin, qeghdin xorta fuq art private.

Triq tinqara

35.10.2 ..... Il kunsilliera Valerie qalet li l karavans qed jokkupaw il parkings biex bis sindku jghid li fejn qeghdin, qeghdin xorta fuq art private **u li kien tort ta min kellu jixtri l art u ma nxtaratx.**

38.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

38.4.1 L-iskeda tal-pagamenti ġiet iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdet bħala moqrija. Ġew approvati unanimament minn dawk prezenti.

38.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.5.1 Is-Sindku beda billi ta update fuq it-triq mill Qala san Nadur. Qal qed jsir xoghol kbir u qed issir wkoll tunnel taht l-art sabiex l quddiem jekk jkun hemm xi bzonnijiet ta xi servizzi jghaddu minn hemm. Qed jinbidlu l mains tal ilma u diga ghaddew il-pipes ghall water culvert li ser jibda minn fejn l muzew u l-quddiem ser jaghqad ma dak li hemm diga fil-pjazza. Din is-sistema ta' water culverts hija parti minn vizjoni li kelli snin ilu biex insolvu il-problema ta' l-gharar fil-Qala. Sintendi baqa xi jsir imma sodisfatt ferm li s'issa solvejna il-problemi ta' l-gharar li kien hemm fil-pjazza u triq il-kuncizzjoni. Qal li l

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt